# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors numru 233/19/1 LM**

**Yorgen Fenech**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Avukat Ġenerali u b'digriet tal-14 ta' Jannar, 2020, ġie jaqra Avukat tal-Istat**

**Ministeru għall-Intern u Sigurta` Nazzjonali u**

**Spettur Keith Arnaud għall-kull interess li jista' jkollu**

1. Din hija sentenza wara żewġ appelli ppreżentati mill-Avukat tal-Istat u mill-Kummissarju tal-Pulizija minn digriet interlokutorju mogħti mill-Ewwel Qorti fid-19 ta' Novembru, 2021, permezz ta' liema ġie deċiż hekk:

> "Għar-raġunijiet suesposti tilqa' t-talba tar-rikorrent sabiex jiġi nġunt rappreżentant tal-Pulizija ta' Malta sabiex jixhed dwar u jippreżenta kopja tal-estrazzjoni tal-*mobile phones* ta' Keith Schembri. L-imsemmija estrazzjoni bħala parti mill-atti ta' din il-kawża għandha tinżamm fis-sigrieta ta' din il-Qorti u tkun aċċessibbli biss għall-partijiet f'din il-kawża u għall-avukati difensuri tagħhom. Fi kwalunkwe każ il-Qorti qiegħda tordna divjet fuq il-pubblikazzjoni tal-imsemmija estrazzjoni sabiex ma jiġux preġudikati investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li għadhom pendenti."

2. Fit-3 ta' Awwissu, 2021, l-attur kien preżenta rikors quddiem l-Ewwel Qorti permezz ta' liema talab li tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza u tiġi ordnata l-produzzjoni tal-estrazzjoni sħiħa tal-*mobile phone* ta' Keith Schembri li skont l-attur kienet ġiet f'idejn il-Pulizija ta' Malta riċentement. L-attur argumenta li minkejja li huwa kien xtaq iġib din il-prova qabel jingħalaq l-istadju tal-provi tiegħu dan ma kienx possibbli peress li kien maħsub li din il-prova ntilfet għal dejjem, u rriżulta biss li din il-prova setgħat issir proprju wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet kollha. L-attur sostna li din il-prova hija meħtieġa għad-difiża tiegħu u essenzjali biex jiġu pruvati l-allegazzjonijiet magħmula minnu fir-rikors promotur.

3. Il-Kummissarju tal-Pulizija kien wieġeb fl-24 ta' Awwissu, 2021, u qal li din it-talba kellha ssir *ai termini* tal-Artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali peress illi l-inkjesta għadha miftuħa u r-repert jifforma parti minn *procés-verbal* u li dan ir-repert ma fihx informazzjoni relevanti għall-omiċidju. Argumenta wkoll li din it-talba saret biss bl-intiża li jittawlu l-proċeduri u li sta għall-attur li jressaq prova li huwa minnu li l-Pulizija ta' Malta għandha

f'idejha estrazzjoni sħiħa tal-*mobile phone* ta' Keith Schembri li fiha hemm xi informazzjoni li tista' tikkonferma dak li l-attur qed isostni f'din il-kawża.

4. Din it-talba ġiet milqugħa mill-Ewwel Qorti wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi ladarba l-intimat Kummissarju tal-Pulizija stess qiegħed jiddikjara bil-ġurament illi l-analiżi tal-kontenut tad-data estratta mill-*mobile phone* ta' Keith Schembri għadha għaddejja u ma jistax jingħad meta dan l-eżerċizzju tal-analiżi ser ikun konkluż minħabba l-ammont voluminuż ta' data li qed tiġi analizzata, tqis illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex f'qagħda li jikkonferma b'ċertezza li d-data estratta mill-imsemmija *mobile phone* ma fihiex informazzjoni li tista' tkun utili għall-indaġni li trid tagħmel din il-Qorti għall-finijiet ta' din il-kawża, fuq jekk l-investigazzjonijiet tal-Pulizija dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia sarux b'mod indipendenti u imparzjali. Tqis għalhekk li d-data estratta mill-imsemmija *mobile phones* tista' tkun utli u rilevanti bħala prova għall-mertu tal-kawża odjerna.
>
> Illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija jikkontendi illi repert fin-natura inerenti tiegħu, huwa kkunsidrat bħala kunfidenzjali skont il-provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk il-kontenut tiegħu ma jistax jiġi reż pubbliku, u dan għall-għan aħħari li ma jiġux ppreġudikati investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet. L-intimat Kummissarju tal-Pulizija jgħid ukoll illi talba sabiex tingħata kopja tal-imsemmija estrazzjoni tad-data kellha ssir skont dak li jipprovdi l-artikolu 518 tal-Kap. 9, li jipprovdi għall-proċedura sabiex jingħata aċċess għall-*proces verbal* meta l-inkjesta ma tkunx depożitata fir-Reġistru, u mhux jintużaw il-proċeduri odjerna. L-intimat Kummissarju tal-Pulizija jgħid li r-rikorrent ma jistax jissorvola dak li jipprovdi l-artikolu 518 tal-Kap. 9, u t-talba tiegħu kellha semmai ssir skont dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu 518.
>
> Illi l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid illi:
>
> > "(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, **u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa** sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna…"
>
> Illi l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta tista' tgħid illi jirreplika kelma b'kelma dak li jipprovdi għalih l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

> "(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), **u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa** sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna…"

Illi r-regola 7 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni [L.S. 12.09] tgħid illi:

> "7. Barra minn dak li huwa ma]sub mod ieħor f'dawn ir-regoli, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi", u ta' kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula bis-saħħa tal-Kodiċi għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal proċedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti Kostituzzjonali imsemmija fir-regola 2."

Tqis illi l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 huma ta' ordni superjuri għal dak li jipprovdi l-Kap. 12 u l-leġislazzjoni sussidjarja 12.09, u għalhekk s-setgħat mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis li jkunu xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, bl-ebda mod m'għandhom ikunu mxekkla b'dak li tipprovdi l-liġi ordinarja, u ċjoé il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u L.S. 12.09, u l-artikolu 518 tal-Kap. 9. Kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Emmanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et**:

> "Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;
>
> Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet (fn 1 Ara provvedument P.A. (Kost.) AJM 5.10.1999 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Gauci et vs Avukat Ġenerali et);"

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għal dak li ngħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Edwin Bartolo vs Aġent Reġistratur tal-Qorti noe et**:

> "Fil-proċeduri kostituzzjonali, il-formalita hija ridotta għall-minimu neċessarju u jiddependi kollox mid-diskrezzjoni tal-ġudikant li jkun qiegħed jippredjedi, li għandu jara li jiġu salvagwardjati il-prinċipji kollha tal-ġustizzja proċedurali
>
> …

> Il-flessibilita proċedurali li għaliha għadha kif saret riferenza, hija illustrate mill-Kostituzzjoni stess fl-artikolu 46(2) fejn il-Qorti hija liċenzjata li: "tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikolu 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna".
>
> Din il-liċenzja tawtorizza l-Qorti li tmur *ultra petita* – u għalhekk l-intimati m'għandhomx raġun jillamentaw li s-sentenza appellata għamlet proprju hekk.".

Tqis għalhekk illi bħalma l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ċitata *supra*, ħasset il-ħtieġa li għandha tiddipartixxi mir-regoli proċedurali ordinarji dwar l-*ultra petita,* bl-istess mod meta fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jkun opportun li tagħmel dan sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom ikunu intitolati l-persuni konċernati, din il-Qorti għandha s-setgħa li tmur lil din minn dak li jipprovdu l-liġijiet ordinarji, ċjoé l-artikolu 637(3) u (5) tal-Kap. 12 dwar dokumenti privileġġjati u l-artikolu 518 tal-Kap. 9 dwar min jista' jara l-atti u d-dokumenti tal-Qrati Kriminali."

5. L-Avukat tal-Istat ippreżenta appell minn din id-deċiżjoni fl-24 ta' Novembru, 2021, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka id-digriet appellat.

6. Il-Kummissarju tal-Pulizija preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-24 ta' Novembru, 2021, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-digriet appellat.

7. L-attur preżenta r-risposti tal-appell tiegħu għall-appelli ntavolati mill-Avukat tal-Istat u mill-Kummissarju tal-Pulizija fis-6 ta' Diċembru, 2021, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad dawn l-appelli, tikkonferma d-digriet appellat u peress li l-appell huwa frivolu u vessatorju taqta' spejjeż doppji kontra l-appellanti u favur tiegħu, u tikkundanna lil

kull wieħed mill-appellanti jħallsu lill-appellat somma li ma tkunx iżjed minn €2,329.37 bħala penali.

**Ikkonsidrat;**

8. Peress li l-appellat ressaq eċċezzjoni ta' rritwalita` tal-appelli preżentati mill-Avukat tal-Istat u mill-Kummissarju tal-Pulizija din l-eċċezzjoni għandha tiġi trattata qabel il-mertu tal-appelli. L-appellat jikkontendi li l-appelli tal-Avukat tal-Istat u tal-Kummissarju tal-Pulizija huma rritwali skont l-Artikolu 228(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jargumenta illi dakinhar li ngħata d-digriet appellat, l-Ewwel Qorti kienet staqsiet direttament lill-Avukat tal-Istat jekk huwiex beħsiebu jappella minn dan id-digriet u huwa asserixxa li mhu ser ikun hemm l-ebda appell u li qiegħed jirrinunzja għal kwalsiasi appell. Iżid li oltre dan, l-Avukat tal-Istat ipproċeda billi ddetta verbal twil u dettaljat fejn iddikjara li l-Kummissarju tal-Pulizija kien qiegħed jobbliga ruħu li jesebixxi kopja tad-*data extraction* fl-intier tagħha in adempiment tad-digriet tal-Qorti. L-appellat jargumenta li dan ifisser li l-appellanti obbligaw ruħhom permezz ta' dikjarazzjoni verbalizzata li qed jaċċettaw it-talba għal produzzjoni tal-*mobile phone,* li rrinunzjaw għal kwalsiasi appell u li qagħdu għad-deċiżoni tal-Ewwel Qorti. Iżid li tali adeżjoni dejjem ġiet interpetata mill-Qrati tagħna bħala rinunzja effettiva tal-appell.

9. Għall-aħjar intendiment tas-sentenza, il-Qorti tqis li jkun utli li jiġi riportat dak ivverbalizzat mill-Avukat tal-Istat quddiem l-Ewwel Qorti fid-19 ta' Novembru, 2021:

> "L-Avukat Chris Soler in ottemperanza mad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti u tal-istruzzjonijiet taghha jiddikjara li l-Kummissarju tal-Pulizija qieghed jobbliga ruhu li sejjer jesebixxi l-kopja taddata extraction fl-intier taghha u kif mghotija lilu mill-espert mahtur mill-Magistrat Inkwerenti in adempiment tad-digriet tal-Qorti. Filwaqt li huma konsapevoli li tali disclosure jista' jippregudika investigazzjonijiet li ghadhom ghaddejjin dan sejjer jaghmlu semplicement unikament u esklussivament sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jobdi jsegwi jimplimenta u jesegwixxi l-istruzzjonijiet ta' din l-Onorabbli Qorti. Il-Kummissarju tal-Pulizija jinnota u japrezza illi mid-decide li ghadu kif gie moqri seduta stante din il-Qorti qieghda tiehu l-mizuri sabiex tassigura b'kull mezz disponibbli lilha u sa fejn huwa possibbli illi l-persuni li ser ikollhom access ghal tali informazzjoni u data ma jikxfux il-kontenut taghha ma' terzi li mhumiex awtorizzati jkollhom tali access. Inoltre fl-umli fehma tal-Kummissarju tal-Pulizija u filfatt il-Kummissarju jistieden lill-Qorti f'dan ir-rigward sabiex din l-Onor Qorti twissi lil kull min jikxef tali informazzjoni jew data jew jaghmel uzu mhux misthoqq minnha bil-konsegwenzi li tali agir igib mieghu. Bhala ufficjal pubbliku li qed jespleta linkarigu moghti lilu fil-ligi u li jfittex il-verita' fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja l-Kummissarju tal-Pulizija ser jibqa' ghad-dispozzizzjoni ta' din l-Onor Qorti."

10. Il-Qorti tosserva li, anke indipendentement minn dak li jiddetta l-Artikolu 228 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta,[1] dak dikjarat fil-verbal tas-seduta jikkostitwixxi kważi-kuntratt ġudizzjali u jorbot lil min ikun għamlu.[2] L-Avukat Chris Soler ivverbalizza a nom tal-Kummissarju tal-Pulizija peress li l-istess Kummissarju huwa ppattroċinat minnu, li l-Kummissarju tal-Pulizija kien ser jippreżenta l-estrazzjonijiet mitluba kif ordnat mill-Qorti u dan "sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jobdi, jsegwi,

---

[1] L-Artikolu 228 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk: "'M'hemmx appell mis-sentenzi mogħtija fuq ammissjoni tat-talba jew minn sentenzi li l-parti taċċetta bir-rinunzja għall-appell jew billi toqgħod għal dak li tkun qatgħat is-sentenza."
[2] Ara per eżempju: **Carmelo Farrugia v. Grezzju Farrugia et** (Appell, 16/03/2005).

jimplimenta u jesegwixxi l-istruzzjonijiet" tal-Ewwel Qorti. Fil-fehma tal-Qorti, il-portata tad-dikjarazzjoni magħmula fil-verbal imsemmi mill-Avukat Chris Soler, *qua* l-avukat patroċinanti tal-Kummissarju tal-Pulizija, hija waħda ċara u tirrappreżenta rinunzja manifesta u inekwivoka għad-dritt tal-appell minn dak l-istess digriet billi ġie liberament u volontarjament assunt obbligu li l-Kummissarju tal-Pulizija jesegwixxi l-ordni tal-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-Kummissarju tal-Pulizija fl-ebda stadju ma kkontenda li l-Avukat tal-Istat kien mar oltre l-mandat tiegħu meta għamel din id-dikjarazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi għalfejn il-Kummissarju tal-Pulizija m'għandux jitqies li huwa marbut b'dik id-dikjarazzjoni. Għaldaqstant il-Qorti tqis li għandu raġun l-attur li l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija huwa null għaliex sar wara li l-Kummissarju kien irrinunzja b'mod ċar u inekwivoku għad-dritt ta' appell tiegħu.

11. Din il-Qorti hija tal-fehma pero` li mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-appell tal-Avukat tal-Istat. F'din il-kawża l-Avukat tal-Istat mhux qiegħed jaġixxi biss bħala r-rappreżentanti legali tal-Kummissarju tal-Pulizija iżda wkoll tal-intimati l-oħra kollha u wkoll bħala intimat huwa stess fil-kawża. Minn qari tal-verbal jirriżulta ċar li d-dikjarazzjoni in kwistjoni saret biss f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija u ħadd iktar mill-intimati. Għalhekk dik id-dikjarazzjoni torbot lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda ma tistax ukoll torbot lil bqija tal-intimati la ma saritx minnhom ukoll.

12. Il-Qorti tosserva inoltre li minn imkien ma jirriżulta li l-intimati kollha li kienu qed jiġu ppatroċinati mill-Avukat Chris Soler kienu nkarigaw lill-istess avukat biex jirrinunzja għad-dritt ta' appell tagħhom dakinhar li ngħata d-digriet appellat. Dan jirriżulta biss fir-rigward tal-Kummissarju tal-Pulizija peress illi d-dikjarazzjoni mertu ta' din id-deċiżjoni saret espressament a nom tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li d-dikjarazzjoni msemmija ma torbotx lill-intimati l-oħra fil-kawża. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 695 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, skont liema:

> "Kull dikjarazzjoni jew allegazzjoni, magħmula bil-fomm jew bil-miktub, minn avukat jew prokuratur legali, tista' titreġġa' lura bil-mezz ta' nota, f'kull waqt tal-kawża, ukoll fil-qorti fi grad ta' appell, qabel is-sentenza, basta li ma jiġix ippruvat illi l-avukat jew il-prokuratur legali kien għamel id-dikjarazzjoni jew allegazzjoni b'inkarigu speċjali tal-parti."[3]

13. Il-Qorti rat li minn imkien ma jirriżulta li l-intimati l-oħra apparti l-Kummissarju tal-Pulizija kienu taw lill-Avukat Chris Soler inkarigu speċjali li jirrinunzja a nom tagħhom għad-dritt ta' appell mid-digriet tad-19 ta' Novembru, 2021. Skont il-ġurisprudenza, rinunzja tad-dritt trid tirriżulta b'mod ċar u univoku u jrid ikun jirriżulta mill-fatti li hekk tassew ried dak li allegatament irrinunzja.[4] F'dan il-każ, peress li fid-dikjarazzjoni

---

[3] Ara per eżempju **Farmacista Giuseppe Debono v. Giovanna Debono** (13/03/1953) u **Teresa Zammit pro et noe v. Ganni Zammit pro et noe** (PA, 10/10/1950) għall-elaborazzjoni dwar id-dispost tal-liġi ċitat.

[4] Ara per eżempju: **Carmelo Abdilla et v. Frances Gloria Crockford et** (Appell, 26/06/2009); **William Soler v. Mary Esposito** (Appell, 30/01/1995); **Maria Carmela Casha noe v. Albert Mizzi et noe** (Appell Kummerċjali, 05/06/1985).

magħmula mill-Avukat Chris Soler ġie preċiżat li kien il-Kummissarju tal-Pulizija li kienu qiegħed jobbliga ruħu li jesegwixxi l-ordni tal-Ewwel Qorti, ma jistax jingħad li jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku li kienu l-konvenuti kollha li kien qed jirrinunzjaw għad-dritt ta' appell tagħhom. Għalhekk id-dikjarazzjoni magħmula fil-verbal tad-19 ta' Novembru, 2021, mill-Avukat Chris Soler ma twassalx lil din il-Qorti għal konvinċiment morali li l-Avukat tal-Istat irrinunzja għad-dritt tal-appell tiegħu kif argumentat mill-attur.

14. Il-Qorti tkompli billi tosserva li skont l-Artikolu 238 (1)[5] tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta t-tħassir jew tibdil tas-sentenza, jekk ikun il-każ, jiswa biss lil dik il-parti li tkun talbet dak it-tħassir jew tibdil. Pero`, skont il-paragrafu (b) tat-tieni sub-inċiż kwalunkwe tħassir jew tibdil tas-sentenza jiswa wkoll lil dik il-parti li hija attriċi jew konvenuta flimkien mal-parti appellanti meta l-kawża kienet fuq ħaġa indiviżibbli. Il-Qorti għalhekk tqis li f'dan il-każ huwa legalment possibbli għall-Avukat tal-Istat li jintavola dan l-appell u jottjeni t-tħassir tad-digriet in kwistjoni jekk jirriżulta fondat l-appell tiegħu. Dan għaliex l-oġġett tad-deċiżjoni, u ċioe` l-produzzjoni tal-estrazzjonijiet tad-data tal-*mobile phones* ta' Keith Schembri, huwa manifestament indiviżibbli u jolqot lil kull parti fil-kawża. Għalhekk din is-sentenza, fil-każ li t-talba tal-Avukat tal-Istat tiġi milqugħa, tkun tiswa lil kull parti konvenuta fil-kawża peress li l-oġġett tad-deċiżjoni huwa indiviżibbli. Minn dan isegwi li ma jeżisti l-ebda

---

[5] **Għalkemm l-Artikolu 238 jirrigwarda appelli minn sentenzi, huwa wkoll applikabbli fir-rigward tad-digrieti bis-saħħa tal-Artikolu 229(7) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

impediment proċedurali sabiex id-digriet impunjat jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti.

15. Apparti minn hekk il-Qorti tosserva li skont l-Artikolu 2(2) tal-Att dwar l-Avukat tal-Istat, fl-għoti ta' pariri legali l-Avukat tal-Istat għandu l-obbligu li jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalita` tal-azzjonijiet tal-Istat. *Multo magis* allura l-Avukat tal-Istat għandu l-interess u d-dritt meħtieġ li jintavola dan l-appell anke fl-assenza ta' dritt ta' appell minn naħa tal-Kummissarju tal-Pulizija meta, almenu skont hu, l-Ewwel Qorti applikat il-liġi b'mod żbaljat billi ordnat il-produzzjoni ta' dokumenti privileġġati, liema produzzjoni hija projbita mil-liġi b'mod assolut. Dan partikolarment ikkonsidrat li wieħed mill-għanijiet tal-privileġġ mogħti mil-liġi lil dawn id-dokumenti huwa li jiġu salvagwardjati nkjesti pendenti minn kwalunkwe intralċ u għalhekk huwa manifestament fl-interess pubbliku li tiġi osservata l-liġi.

16. Għaldaqstant l-eċċezzjoni ta' nullita` tal-appell tal-Avukat tal-Istat qed tiġi miċħuda.

**L-Appell tal-Avukat tal-Istat**

17. L-Avukat tal-Istat jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi meta fid-digriet tagħha ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija

jesebixxi kopja tal-estrazzjoni tad-data mill-*mobile phones* elevati mingħand Keith Schembri. L-Avukat tal-Istat jargumenta li dak li għandu f'idejh il-Kummissarju tal-Pulizija huwa kopja diġitali ta' repert li ngħata lilu mill-Maġistrat Inkwirenti f'kuntest ta' inkjesta maġisterjali li għadha miftuħa. Jgħid li skont l-Artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 637(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta repert fin-natura tiegħu huwa kkunsidrat bħala kunfidenzjali u l-Qorti ma tistax kif ġieb u laħaq tordna l-esibizzjoni tiegħu. Iżid li l-iskop tal-Artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali huwa sabiex tiġi evitata l-possibilita` li tiġi mittiefsa xi evidenza dwar investigazzjonijiet jew proċeduri penali li jkunu għadhom għaddejjin biex ma jiġux preġudikati. Jargumenta li ġaladarba l-Artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi proċeduri sabiex persuna interessata tingħata aċċess għall-*procés-verbal* meta ma jkunx iddepożitat fir-reġistru l-attur kellu jagħmel użu minn din il-proċedura, li jirriżulta li m'għamilx, kif ukoll ma jirriżultax li l-Maġistrat Inkwirenti awtorizzat li kopja ta' data estratta mill-*mobile phones* ta' Keith Schembri tiġi esebita fil-kawża odjerna. Iżid li ġaladarba l-*procés-verbal* għadu ma ġiex depożitat fir-Reġistru, l-Artikolu 637(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li ma tistax tintalab l-esibizzjoni tiegħu, u jagħmel referenza għad-digriet tas-26 ta' April, 2021, mogħti fil-kawża fl-ismijiet Paul Borg Olivier noe v. Il-Prim Ministru Robert Abela. Jargumenta li l-esebizzjoni tal-estrazzjonijiet mill-*mobile phones* ta' Keith Schembri tista' tippreġudika serjament investigazzjonijiet tal-pulizija li għadhom għaddejjin u għalhekk f'dan l-

istadju huwa fl-interess nazzjonali u pubbliku li dan ma jsirx. Jgħid ukoll li l-attur bl-ebda mod ma ġab prova li tali dokument huwa tassew relevanti għal finijiet ta' din il-kawża, u jgħid li d-dokument rikjest mill-attur huwa inamissibli minħabba li l-attur ma uriex attwalment x'inhi ir-relevanza ta' dan id-dokument.

18. L-attur jirribatti li l-Ewwel Qorti ordnat divjet, wissiet lill-partijiet u ordnat li l-kopja tal-estrazzjoni tinżamm biss ġewwa s-sigrieta tal-Qorti u għalhekk it-tixrid tal-informazzjoni hija virtwalment impossibli, u l-appellant naqas milli imqar jaċċenna kif il-produzzjoni tal-estrazzjoni taħt dawn il-kawteli kollha ser twassal biex jiġu preġudikati investigazzjonijiet. Jgħid li hu diġa ddikjara bil-ġurament tiegħu li din l-estrazzjoni tikkontjeni materjal kruċjali għad-determinazzjoni tal-kawża in kwistjoni għaliex fiha materjal li jitratta l-imparzjalita` *o meno* tal-Ispettur Keith Arnaud. Isostni li dan il-materjal jaf ikollu konsegwenzi serji fuq l-investigazzjonijiet u l-mod kif tmexxew u għalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija m'għandu l-ebda interess li jiżvelah lill-attur. L-attur jargumenta wkoll li mhuwiex minnu li dak li ġie ordnat mill-Ewwel Qorti huwa projbit mil-liġi għaliex l-Artikolu 518 tal-Kodiċi Ċivili mhuwiex applikabbli peress li dan l-artikolu japplika biss wara li l-*procés-verbal* ikun ingħalaq, li f'dan il-każ għadu ma sarx. Jgħid li fi kwalunkwe każ l-Ewwel Qorti użat id-diskrezzjoni speċjali mogħtija lilha mill-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li huma superjuri għal dak li jipprovdu l-

Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Kodiċi Kriminali. L-attur isostni li l-leġislatur żgur qatt ma xtaq li d-dispożizzjonijiet tal-liġi jintużaw sabiex jiġi ostakolat it-tifttix tal-verita` u li l-appellant ma uriex kif l-Ewwel Qorti użat id-diskrezzjoni mogħtija lilha mil-liġi b'mod ħażin.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

19. Minn qari tad-digriet appellat jirriżulta li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-attur sabiex jiġu preżentati estrazzjonijiet ta' *data* mill-*mobile phones* ta' Keith Schembri wara li kkonsidrat li l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jagħtuha diskrezzjoni wiesgħa sabiex tagħmel dawk l-ordnijiet u atti u tagħti dawk il-provvedimenti li tqis li jkunu xierqa sabiex tiżgura t-twettiq tal-garanziji tad-drittijiet fondamentali kkontemplati fil-Kostituzzjoni. L-Ewwel Qorti qieset għalhekk li dawn l-artikoli jagħtuha l-poter li twarrab dak provdut fl-Artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 637 (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna, irrispettivament minn dak li jiddisponu dawn l-artikoli, li jiġu esebiti l-estrazzjonijiet tad-*data* tal-*mobile phones* ta' Keith Schembri. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li mhuwiex kontestat li dawn l-estrazzjonijiet jifformaw parti minn inkjesta maġisterjali li għadha pendenti.

20. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellat li l-Ewwel Qorti użat id-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta sew, u dan peress li fil-fehma ta' din il-Qorti l-Ewwel Qorti ma kinitx f'pożizzjoni li teżerċita din id-diskrezzjoni fl-ewwel lok.

21. Il-Qorti tibda billi tirrileva li taqbel ma' dak li ntqal mill-Ewwel Qorti li fi proċeduri kostituzzjonali l-qrati għandhom iktar flessibilita` f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta' regoli proċedurali mill-qrati ordinarji, u dan ikkonsidrat in-natura u l-iskop tal-proċeduri kostituzzjonali. Pero` din il-flessibilita` mhijiex u ma tistax tkun mingħajr limitu għaliex il-partijiet kollha f'kawża u f'kull tip ta' proċeduri ġudizzjarji, inkluż dawk kostituzzjonali, għandhom dritt għaċ-ċertezza legali u l-ugwaljanza tal-armi, li jifformaw parti ntrinsika mid-dritt għal smigħ xieraq. Għalhekk il-partijiet f'kawża ma jistgħux jiġu sorpriżi b'interpretazzjoni u applikazzjoni ta' liġi magħmula f'digriet interlokutorju li tkun manifestament mhux kompatibbli ma' dak provdut fil-liġi stess.

22. L-ordnijiet, atti u provvedimenti li l-qrati għandhom is-setgħa li jagħmlu *ai termini* tal-Artikolu 46(2) u 4(2) jistgħu jingħataw fil-kuntest ta' talba magħmula skont l-ewwel sub-inċiż taż-żewġ artikoli. Dan is-sub-inċiż ma jagħmilx referenza għal talbiet interlokutorji iżda għal talbiet li jirrigwardaw ksur ta' xi dritt fondamentali protett mill-Kostituzzjoni jew

Konvenzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk, interpretazzjoni raġonevoli u prevedibbli tas-setgħa mogħtija lil Qorti biex tagħmel dawk l-ordnijiet, atti jew provvedimenti li tqis li huma xierqa hija fis-sens li din id-diskrezzjoni wiesgħa tista' tiġi eżerċitata fil-kuntest tat-talba oriġinali tal-attur, u ċioe` meta l-Qorti tiddetermina li l-attur ikun sofra jew x'aktarx ser isofri il-leżjoni allegata minnu, jew fejn dawn l-ordnijiet huma neċessarji sabiex tiġi preservata *pendente lite* l-pożizzjoni tal-attur li inkella jkun ser iġarrab preġudizzju rrimedjabbli. Il-Qorti tqis li d-diskrezzjoni wiesgħa mogħtija minn dawn l-artikoli għalhekk mhijiex applikabbli fil-kuntest ta' digriet interlokutorju. Minn dan isegwi li, għalkemm fl-għoti ta' digriet interlokutorju huwa permess għall-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali li jagħtu interpretazzjoni wiesgħa tal-artikolu relevanti tal-liġi u jwarrbu kemm jista' jkun il-formaliżmu esaġerat, ma jistgħux iwarrbu għal kollox dak li tipprovdi l-liġi u jagħżlu li ma japplikawx il-liġi ordinarja. F'dan il-każ l-Artikolu 637 (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprojbixxi b'mod assolut il-produzzjoni fl-atti ta' *procés-verbal* li jkun għadu ma ġiex depożitat fir-Reġistru, u għalhekk m'hemm l-ebda kwistjoni ta' intepretazzjoni wiesgħa. Għaldaqstant sakemm ma tkunx ġiet dikjarata l-invalidita` kostituzzjonali jew konvenzjonali tiegħu, jew sakemm ma jkunx jirriżulta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-attur huwa intitolat għal miżura *interim*, ma kienx legalment possibbli għall-Ewwel Qorti li tiskarta l-istess artikoli bis-saħħa tal-poteri mogħtija lilha mill-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-fatt li l-ordni in kwistjoni ngħatat fi proċeduri kostituzzjonali ma jfissirx li l-Ewwel Qorti kellha l-poter li ma tosservax, u addirittura, tmur kontra l-liġi ordinarja fl-għoti tad-digriet interlokutorju mertu ta' dan l-appell.

23. Huwa inkontestabbli li f'dan il-każ l-ordni appellata ma ngħatatx mill-Ewwel Qorti bħala rimedji għal-leżjoni allegata minnu fir-rikors promotur tiegħu, u dan billi s-sentenza fil-mertu għadha ma ngħatatx. Lanqas ma jirriżulta li din l-ordni ngħatat bħala rimedju *interim*, għaliex ma jidhirx li ġie allegat, u wisq anqas pruvat, li l-attur ser isofri preġudizzju rrimedjabbli u li l-ordni saret f'dan il-kuntest. Id-digriet appellat ingħata bħala digriet interlokutorju normali ntiż sabiex jirregola l-proċedura ta' quddiem l-Ewwel Qorti. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li din l-ordni ma ngħatatx *entro* l-qafas legali u proċedurali maħsub fl-artikoli 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

24. Il-Qorti tkompli billi tosserva li l-attur fl-ebda ħin ma spjega x'hemm f'dawn l-estrazzjonijiet li huwa jqis li huma relevanti għall-proċeduri intavolati minnu ħlief għal dikjarazzjoni ġenerika. Huwa minnu li l-attur ma jistax jiġi pretiż li jkun jaf b'ċertezza x'hemm f'dawn l-estrazzjonijiet ġaladarba huma estrazzjonijiet ta' *data* ta' *mobile phones* li mhumiex tiegħu u li ma jirriżultax li qatt kienu f'idejh. Pero`, ġaladarba l-attur ikkonferma bil-ġurament tiegħu li dawn l-estrazzjonijiet fihom informazzjoni relevanti għal din il-kawża, il-Qorti tqis li l-attur kien mistenni

li almenu jindika x'inhi din l-informazzjoni li skont hu hija relevanti u mhux jitlob il-produzzjoni tal-estrazzjoni kollha għaliex tista' tkun fiha informazzjoni relevanti. Għalkemm kif ingħad huwa minnu li fi proċeduri kostituzzjonali hemm ammont ta' flessibilita` f'dak li jirrigwarda t-tmexxija tal-proċedura mill-Qorti, dan ma jfissirx li xi parti tista' tuża dawn il-proċeduri biex tagħmel *fishing expedition* u totjeni l-produzzjoni ta' provi li mhumiex neċessarjament relevanti għall-proċeduri istitwiti minnha. Ikkonsidrat għalhekk li l-attur lanqas imqar indika x'hemm f'dawn l-estrazzjonijiet li huma tant relevanti u vitali għal dawn il-proċeduri, u dan minkejja li jidher li għandu ħjiel dwar x'inhu l-materjal allegatament relevanti kkonsidrat il-ġurament li ħa, il-Qorti tqis li lanqas jista' jingħad li l-attur ser ibati preġudizzju rrimedjabbli jekk l-estrazzjonijiet tad-*data* tal-*mobile phones* ta' Keith Schembri ma jiġux preżentati f'dawn il-proċeduri. Inoltre, l-fatt li l-attur naqas milli jispjega x'inhi din l-informazzjoni li huwa jgħid li hija relevanti, il-Qorti tinsab fl-impossibilita` li tiżen l-interess tal-appellant kontra l-interess pubbliku biex tiddetermina jekk dan huwiex każ fejn hija meħtieġa d-*disclosure* tad-dokumenti rikjesti minnu minkejja dak provdut mil-liġi. Għalhekk din il-Qorti terġa' ttenni li l-ordni magħmula mill-Ewwel Qorti ma setatx validament issir fil-kuntest tat-talba magħmula mill-attur, u minn dawn isegwi li l-appell tal-Avukat tal-Istat huwa fondat u jimmerita li jiġi milqugħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi

i. tiddikjara l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija rritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu;

ii. tiċħad l-eċċezzjoni ta' nullita` fir-rigward tal-appell tal-Avukat tal-Istat;

iii. tilqa' l-appell tal-Avukat tal-Istat u tirrevoka d-digriet tal-Ewwel Qorti tad-19 ta' Novembru, 2021, u tiċħad it-talba magħmula mill-attur fir-rikors tiegħu tat-3 ta' Awwissu, 2021.

L-ispejjeż tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija għandhom jitħallsu minnu, filwaqt li l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da